# KAPITOLU 245

## ATT DWAR ID-DIKJARAZZJONIJIET

*Biex jipprovdi b'mod [enerali li jistg]u jsiru dikjarazzjonijiet minflok [uramenti u biex jipprovdi g]al ]wejje[ an`illari jew konsegwenzjali.*

(28 ta' Ġunju, 1974)*

*Sar li[i bl-Att XXXV tu'l-1974.*

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att dwar id-Dikjarazzjonijiet.

Dikjarazzjoni minflok ġurament.

**2.** (1) Kull meta b'xi liġi jew taħt xi liġi li bħalissa qiegħda fis-seħħ jew b'xi liġi jew taħt xi liġi li ssir aktar 'il quddiem, kemm-il darba fil-każ ta' l-aħħar il-liġi ma tipprovdix espressament xort'oħra, ikun hemm provdut li jittieħed ġurament minn xi persuna, jekk -

(*a*) dik il-persuna toġġezzjona li tingħata l-ġurament u tagħti bħala r-raġuni għall-oġġezzjoni tagħha li ma għandhiex twemmin reliġjuż, jew li t-teħid tal-ġurament huwa kontra t-twemmin reliġjuż tagħha, jew li għandha oġġezzjoni tal-kuxjenza biex tieħu ġurament; jew

(*b*) ma jkunx raġonevolment prattikabbli li jingħata ġurament lil dik il-persuna bil-mod xieraq skond it twemmin reliġjuż tagħha,

dik il-persuna titħalla tagħmel dikjarazzjoni solenni (f'dan l-Att imsejħa "dikjarazzjoni") minfjok li tieħu ġurament.

(2) Meta b'xi disposizzjoni jew taħt xi disposizzjoni ta' xi liġi persuna hi, jew tista' tkun, meħtieġa li tieħu ġurament, kull persuna li tista' titħalla tagħmel dikjarazzjoni minflok għandha u tista' tkun ukoll meħtieġa li hekk tagħmel, u f'kull każ bħal dak nuqqas jew rifjut li ssir dikjarazzjoni jitqies bħallikieku kien nuqqas jew rifjut li jittieħed il-ġurament.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu l-espressjoni "raġonevolment prattikabbli" tfisser raġonevolment prattikabbli mingħajr inkonvenjenza jew dewmien.

Forma ta' dikjarazzjoni.

**3.** (1) Dikjarazzjoni li ssir minflok ġurament għandha tkun fl-istess forma bħall-ġurament li ssir minfloku, iżda minflok il-kliem "naħlef", "niddikjara bil-ġurament" jew kliem ieħor li juru t-teħid ta' ġurament, għandhom jidħlu l-kliem "niddikjara solennement" bl-adattamenti konsegwenzjali tal-kliem fejn meħtieġ; u l-kliem "hekk Alla jgħini", jekk jinsabu fil-forma tal-ġurament, għandhom jitħallew barra.

(2) Kull setgħa mogħtija b'xi liġi biex tiġi stabbilita l-forma ta' ġurament għandha tinkludi s-setgħa eżerċitabbli bl-istess mod biex tiġi stabbilita l-forma tad-dikjarazzjoni li tista' ssir minflok il-

**Ara* n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 439 tat-28 ta'Ġunju, 1974.

ġurament.

Awtorità li tiġi meħuda dikjarazzjoni.

**4.** Kull uffiċjal pubbliku jew persuna oħra awtorizzata li tagħti l-ġurament tkun ukoll awtorizzata li tieħu dikjarazzjoni magħmula minflok ġurament u, dwar it-teħid tad-dikjarazzjoni, hija jkollha l-istess setgħat u dmirijiet u għandha tħares *mutatis mutandis* l-istess formalitajiet kif japplikaw dwar l-għoti ta' ġurament.

Dikjarazzjoni jkollha l-istess effett legali bħall-ġurament.

**5.** (1) Dikjarazzjoni magħmula minflok ġurament ikollha, għall-finijiet kollha tal-liġi, l-istess effett bħall-ġurament u jekk xi dikjarazzjoni bħal dik tkun falza l-persuna li tagħmilha teħel l-istess pieni, penalitajiet u responsabbiltajiet li kienet teħel li kieku ħadet il-ġurament bil-mod xieraq.

(2) Riferenzi f'kull liġi għal "maħluf", "dikjarat bil-ġurament", "konfermat bil-ġurament", "verifikat bil-ġurament" jew frażijiet bħal dawn li juru t-teħid ta' ġurament dwar xi dikjarazzjoni, att jew kitba, meta ssir dikjarazzjoni minflok ġurament taħt dan l-Att, għandhom ikollhom l-effett u għandhom jiftehmu skond hekk.